

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-15 ta' April 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Court of Appeal in Northern Ireland – ir-Renju Unit) – TKF vs Department of Justice for Northern Ireland

(Kawża C-729/19) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Rikonossiment u eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment – Regolament (KE) Nru 4/2009 – Kamp ta' applikazzjoni razione temporis – Artikolu 75 – Deċiżjonijiet mogħtija minn qorti ta' Stat Membru qabel l-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea)

(2021/C 217/11)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Qorti tar-rinviju

Court of Appeal in Northern Ireland

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: TKF

Konvenut: Department of Justice for Northern Ireland

Dispożittiv

- 1) L-Artikolu 75(2)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonossiment u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment għandu jiġi interpretat fis-sens li japplika biss għad-deċiżjonijiet mogħtija mill-qorti nazzjonali fi Stati li kienu diġà membri tal-Unjoni Ewropea fid-data tal-adozzjoni ta' dawn id-deċiżjonijiet.
- 2) Ir-Regolament Nru 4/2009 għandu jiġi interpretat fis-sens li ebda dispożizzjoni ta' dan ir-regolament ma tippermetti li deċiżjonijiet f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment, mogħtija fi Stat qabel l-adeżjoni tiegħu mal-Unjoni Ewropea u qabel id-data ta' applikazzjoni tal-imsemmi regolament, jiġu rrikonossuti u eżegwiti, wara l-adeżjoni ta' dan l-Istat mal-Unjoni, fi Stat Membru ieħor.

⁽¹⁾ ĠU C 423, 16.12.2019.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-15 ta' April 2021 – Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Il-Parlament Ewropew

(Kawża C-733/19) ⁽¹⁾

(Rikors għal annullament – Politika komuni tas-sajd – Regolament (UE) Nru 1380/2013 – Konservazzjoni u sfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd – Protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar – Regolament (UE) 2019/1241 – Miżuri tekniċi – Anness V, Parti D – Projbizzjoni tas-sajd li juża xbieki tat-tkarkir bl-impuls elettriku – Prinċipju ta' proporzjonalità – Prinċipju ta' prekawzjoni)

(2021/C 217/12)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Partijiet

Rikorrent: Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi (rappreżentanti: M.K. Bulterman, M. Noort u P. Huurnink, aġenti)

Konvenuti: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Naert u A. Maceroni, aġenti), Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: R. van de Westelaken, I. Liukkonen u K. Zejdová, aġenti)

Intervenjent insostenn tal-konvenuti: Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: A.-L. Desjonquères u M. J.-L. Carré, aġenti)

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi huwa kkundannat, minbarra għall-ispejjeż rispettivi tiegħu, għal dawk sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u mill-Parlament Ewropew.
- 3) Ir-Repubblika Franċiża għandha tbat i-ispejjeż rispettivi tagħha.

(¹) ĠU C 423, 16.12.2019

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-15 ta' April 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Augstākā tiesa (Senāts) – Il-Latvja) – ZS “Plaukti”

(Kawża C-736/19) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Agrikoltura – Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) – Regolament (KE) Nru 1698/2005 – Regolament (UE) Nru 65/2011 – It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 16(5) – Regolament (KE) Nru 73/2009 – Artikoli 4 u 6 – Regolament (KE) Nru 1122/2009 – Appoġġ għall-iżvilupp rurali – Pagamenti agroambjentali – Għajjuna għaż-żamma tal-bijodiversità fil-bwar – Nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonijiet għall-għoti ta' dawn il-pagamenti – Ħsad qabel iż-żmien – Tnaqqis u esklużjoni tal-imsemmija pagamenti – Standards obligatorji – Rekwiżiti statutorji ta' tmexxija – Rekwiżiti minimi għal kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajbin – Impenji li jisbqu l-istandards obligatorji, ir-rekwiżiti minimi u ir-rekwiżiti obligatorji l-oħra xierqa stabbiliti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali)

(2021/C 217/13)

Lingwa tal-kawża: il-Latvjan

Qorti tar-rinviju

Augstākā tiesa (Senāts)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: ZS “Plaukti”

fil-preżenza ta': Lauku atbalsta dienests

Dispożittiv

- 1) It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 16(5) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 65/2011 tas-27 ta' Jannar 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005, dwar l-implimentazzjoni ta' proċeduri ta' kontroll kif ukoll kundizzjonalità fir-rigward ta' miżuri ta' appoġġ għall-iżvilupp rurali, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma huwiex applikabbli fil-każ fejn l-applikant għal għajjuna ma osservax l-impenji agroambjentali relatati mal-kundizzjonijiet ta' ħsad, mingħajr ma tkun ġiet ikkonstatata ebda bidla tal-grupp ta' ghelejjejjel ikkonċernat.
- 2) L-Artikoli 4 u 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003, moqrija flimkien mal-Artikolu 39(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tgħid li l-istess rekwiżit wieħed jista' fl-istess ħin jikkostitwixxi rekwiżit minimu fil-qasam ta' kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba u rekwiżit li jmur lil hinn min dawn ir-rekwiżiti minimi, jiġifieri kundizzjoni għall-għoti relatata mal-pagamenti agroambjentali.

(¹) ĠU C 413, 09.12.2019.